KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-35 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju, 2015 u li bdiet fil-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri prezenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |

**Uffiċċjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgħa bdiet fil-5.00 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, nqraw l-Minuti tal-laqgħat preċendenti, Nru. 33 – 8 u l-Minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru. 34 – 8, dawn gew ikkoreguti w approvati unanimament mill-Kunsill.

## 2. Offerta għall-Ġbir tal-Bulky Refuse

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'ittra mibgħuta mill-inġinier Joseph Bajada mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, fejn dan informa u talab lill-Kunsill biex jibda jaħseb u jipprepara għall-offerta gdida għal ġbir tal-iskart goff fil-lokalita'. Dan peress li x-xogħol li qed isir mid-Dipartiment huwa b'kuntratt li jmur lura sew fis-snin u gie ffirmat snin ilu. F'ittra qal li l-prezz għal dan is-servizz huwa baxx u irħis, li d-dipartiment qed juża u jaħli ħafna riżorsi, ħin u anke fuel u barra dan li d-Dipartiment tagħhom qed jispiċċa b'nuqqas ta' ħaddiema mad-Dipartiment u mhux qed jiġu ngaġġati oħrajn. Is-Sindku qal lill-Kunsill li l-lokaita' ma tistgħax toqgħod mingħajr dan is-servizz li qed jintuża mir-residenti, għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jipprepara u joħrog offerta gdida għal dan is-servizz.

## 3. Żebgħa tas-sinjali tat-toroq

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħal f'dan iż-żmien kull sena il-Kunsill għandu jiżbogħ is-sinjali tat-traffiku fl-art fil-lokalita', għalhekk għandu jinxtara l-materjal taż-żebgħa u nitolbu l-għajnuna tal-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex dan ix-xogħol isir. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 4. Attivitajiet fil-ġimgħa tal-festa

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill b'ittra mis-Segretarju tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita fejn talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fejn bħal ma ġara f'dawn l-aħħar sentejn fil-ġimgħa tal-festa ser jerġa jitella' programm mużikali. Dan ser isir nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju 2015. Is-Soċjeta' qed titlob l-għajnuna fejn jirrigwardja dawl, sound u kiri ta' siġġijiet. Is-Sindku semma li l-aħjar ħaġa hi li jintalbu kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Sound System, dawl u siġġijiet matul il-ġimgħa tal-festa iżda qabel il-Kunsill irid jara x'hemm bżonn ezatt matul il-ġimgħa kollha anke jekk ser isir xi dramm mill-Għaqda Drammatika. Il-Kunsill qabel ma dan. Bħas-sena l-oħra l-Kunsill qabel li jerġa jikri żewġ mowbajl toilets għat-tlett t'ijiem tal-festa fil-Pjazza fuq in-naħa ta' wara tal-palk, fil-bidu tan-niżla għall-egħlieqi. Għandha tiġi mitluba l-għajnuna mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex madwar il-pjazza jkun hemm daqs 10 kontenituri aktar għall-iskart u anke fit-Triq Sannat qrib l-uffiċċju tal-Kunsill. Rigward il-permessi tal-gabbani għal bejgħ tal-ikel, etc fil-jiem tal-festa il-Kunsill qabel li l-armar tagħhom għandu jsir bħas-sena l-oħra.

Is-Sindku u l-Kunsillier Bajada qalu lill-Kunsill li ġew avviċinati mill-Kumitat tan-Nar fejn nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2015 fejn il-MUSEUM tas-Subien fi Triq Xamgħan se tiġi organizzata attivita' u talbu l-għajuna tal-Kunsill billi l-Kunsill iħallas is-servizz tas-Sur Demicoli – kantant. Il-Kunsill qabel ma din l-għajnuna għal waqt din l-attivita'.

Is-Sindku talab lill-Kunsill biex issir laqgħa mal-Arċipriet l-ġdid u anke mal-Arċipriet ta' qabel fejn f'din il-laqgħa jsir l-awgurju lit-tnejn għal kariġi l-ġodda tagħhom. Il-Kunsill qabel ma dan u qabel ukoll li għandhu jinxtara rigal kull wieħed.

## 5. Materja oħra

1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-kuntratt bi kwotazzjoni tal-Open Skip u li l-Kunsill kien bgħat ittra bl-Avukat dwar is-servizz li qed jingħata lill-Kunsill kull nhar ta' Sibt. Dan għaliex mhux qed ikun hemm attendant mal-iskip li jitlob il-Karta tal-Identita' biex is-servizz jintuża biss mir-residenti minn Ta' Sannat. Is-Sindku qal li ma kienx ġust (fair competion) għal min kien xeħet l-offerta dak iż-żmien. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jitwaqqaf u toħrog kwotazzjoni mill-ġdid.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Kenneth de Martino wieġeb lura b'imejl għall-ittra li ntbagħtet mill-Avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li talbu sabiex jattendi għall-laqgħa tal-lum, iżda b'telefonata u imejl mis-Segretarja tiegħu gejna nfurmati li s-Sur Kenneth de Martino ma jistax jattendni għal din il-laqgħa għaliex jinsab imsiefer. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa miegħu bl-Avukat tal-Kunsill.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill, li l-Kappilan tal-Munxar kiteb u talab l-awtorizzazjoni għal ħruq tan-nar tal-ajru mill-konfini Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u talab li l-għada tal-festa filgħodu kmieni ssir spezzjoni qabel mat-tfal jidħlu fl-iskola u fil-madwar sabiex nevitaw kull periklu.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Insurance tal-Kunsill waslet biex terġa tiġi mġedda mill-1 ta' Ġunju 2015 sal-31 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li t-Tender 02/2015 għal provista tal-għamara ta' Pjazzetta tax-Xelina f'lottijiet tagħlaq nhar it-Tnejn 1 ta' Gunju fl-10.00 a.m. Is-Sindku talab biex dawn jinfetħu dakinhar stess u għandu jkun preżenti dakinhar ukoll l-Bord tal-Adjudikazzjoni li se jkun kompost minn dak ta' qabel biex jiġu evalwati l-offerti biex jitħaffef il-process.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kont ta' M 313 fuq il-proġett ta' Pjazzetta tax-Xelina u tal-water storm culvert ta' Gatt Tarmac Ltd. Dan il-kont hu l-ewwel ħażi ta' dan il-proġett bl-ammont ta' €39,056.70c. Il-Kunsill approva dan il-kont.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kuntratt ġdid flok dawk ta' qabel għal kera tal-printers ġodda fuq kull desk tal-ufficcju amministrattiv. Dan sar peress li l-qodma kienu spiċċaw. Dawn jinkuludu scanner f'kull printer. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan il-kuntratt.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kont mingħand Galea Curmi Engineering Consultant fuq xogħolijiet fil-Gnien tal-Bidwi Park ta' €3369.49. Il-Kunsill qabel biex dan il-kuntrattur jiġi fil-laqgħa li jmiss biex jgħati spjegazzjoni ta dan il-kont.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-data għat-tieni edizzjoni Gioci Senza frontieri - It's a knockout, f'dan is-sajf għandha tinbidel. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għaż-żgħażagħ isir nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2015.

10. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni biex fejn sar il-konkos fi Triq Bardan b'Miżura 125 jinbena ħajt baxx fejn hemm waqgħa l-isfel fil-genb ta din it-triq peress li dan huwa ta' periklu. Il-Kunsill qabel u għandu jitlob l-għajnuna tal-ħaddiema tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill jixtri l-materjal.

11. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'ittra minn għand il-Kumitat tal-Attivitajiet tal-Milied fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn talab informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied 2015, id-data tal-egħluq hi dik tat-30 ta' Gunju 2015. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġerit u l-Kunsill qabel li għandha tinbgħat ittra fejn il-Kunsill jitlob biex din is-sena tinxtgħel mill-ġdid wara ħafna snin, is-siġra l-kbira tal-Awrikarja fi Pjazza Santa Margerita b'dawl adattat mill-Ministeru għal Għawdex u b'hekk l-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied f'Għawdex jibdew mill-lokalita' Ta' Sannat.

12. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kont tal-Urban Improvement Fund fi ħdan il-MEPA bħalissa hu ta' €8482.04c.

13. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mac-CEO tal-MEPA fejn tkellem ċar dwar il-problema tal-parking fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini fl-istaġun tas-sajf u fejn wieħed għandu jikkonsidra li fil-wied għal waqt l-istaġun bejn Lulju u Settembru jintuża bħala parking peress li f'din il-bajja qed ikun hemm influs ta' turisti u nies. Ic-CEO insista li dan il-wied huwa protett u ma jistgħax isir parking fih għalhekk ser tipprova tinstab soluzzjoni biex din il-problema tiġi solvuta.

14. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar l-applikazzjoni tal-inizjattivi ta' attivitajiet 2014-2015 minn Memo 27/2014 fejn il-Kunsill Lokali kien applika biex isir The Organ Festival, il-Kunsill ibbenefika biss €4000.00 minn din l-iskema. Għalhekk il-Kunsill għandu jibda jipprepara għal dan il-festival.

15. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fix-xhur li ġejjin ser jibda jsir it-tqassim ta' cards (Tal-linja Cards) tal-passiġġieri tat-transport pubbliku mill-Kunsill, il-Kunsill se jingħata tariffa t'amministrazzjoni ta' €50.00ċ.

16. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nstab li l-iskrivana tal-Kunsill meta bdiet taħdem mall-Kunsill f'Novembru 2010 bdiet titħallas fuq notch ħażin. Għalhekk hu talab lill-Kunsill li din tiġi rranġata mill-aktar fis u tingħata l-arretrati kif misthoqq. Is-Segretarju qal li hu qed jaħdem il-workings biex jgħaddihom lill-Accountant tal-Kunsill u anke lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal verifikazzjoni. Is-Segretarju qal ukoll li fl-2013 meta kien għadu Assistent Prinċipal fi skala 11 fil-ftehim kollettiv tal-Impjegati tal-Kunsilli Lokali 2012-2016 jgħid li minn kien ilu ħames snin fi skala 11 issa telgħa għal skala 10 u għalhekk se jieħu l-arretrati sa meta beda Segretarju Eżekuttiv. Id-DLG is-sena l-oħra kienu għaddew l-ammont ta' €5020.53ċ lill-Kunsill għal dan ir-rigward.

17. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li l-Kunsill ġab il-kwotazzjoni tal-cold asphalt, riċenti ġew ippeċjati il-ħofor il-kbar ta' Triq Skerla u Triq Gerxija.

18. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġiet ordnata plakka bl-isem tat-Triq tal-Moxa għaliex dik li kien hemm inkisret u ma ġietx imwaħħla oħra minflok. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir plakka oħra fi Triq it-Tempju tal-Imramma mall-bini tas-Sur Frans Fava.

19. Is-Sindku nforma lill-Kunsill biex jiġi ordnat podium tal-perspex għas-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

20. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta' materjal għaż-żebgħa fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Dan ix-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-beaches fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fil-ġimgħat li ġejjin.

21. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex jiġi mnaddaf u jintrema materjal ħażin u spiċċut fil-garaxx tal-Kunsill. Dan peress li ma għadx hemm spazzju fih.

22. Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-laqgħa li ser issir mall-Kummissarju tal-Films nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2015, fil-11.00 a.m., fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kumpanija Pellikola Limited se tgħaddi donazzjoni ta' €17000.00ċ meta użat l-bajja ta' Mġarr ix-Xini biex jinħadem il-film "By the sea". Il-Kunsill qabel li din id-donazzjoni tintuża billi ssir parti mit-triq ta' Mġarr ix-Xini sa fejn twassal bil-

konkos, dan kif xtaqet il-kumpanija tal-films. Għalhekk il-Kunsill qabel li joħrog l-offerta għal dan ix-xogħol tal-konkos b'impatt ambjentali.

## 8. Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Memo 8/2015 dwar Ftehim kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill Lokali/Kumitati Reġjonali 2012-2016
Memo 9/2015 dwar Kodiċi ta' Etika għar-rappreżentanti eletti tal-Gvern Lokali
Memo 12/2015 dwar Awguri u ringrazzjament tas-servizz li tajtu lill-komunita'

## 9. Ilmenti u Suġġerimtenti

1. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill u qalet li xi residenti mit-triq tagħha (Triq Paranji) ġibdulha l-attenzjoni biex il-kennies inaddaf aktar ta' spiss din it-triq. Hi qalet ukoll biex il-Kunsill jikteb lill-Ministru għal Għawdex biex jingħata resurface tal-wiċċ tat-triq bit-tarmak peress li din hi triq ġdida, biex ir-residenti li joqgħodu hemm jitnaqqsilhom it-trab, iż-żrar u l-ħofor li hemm.

2. Il-Viċi Sindku qalet li s-Sinjura Marcelle Saliba minn Triq tal-Gruwa ġibditilha l-attenzjoni dwar l-istat ħażin tal-istess triq minn fejn għaddew il-pajp line għal ġibjun Ta' Ċenċ, xogħolijiet li saru mill-Water Services Corporation u l-Ministeru għal Għawdex biex din it-triq tingħata resurfacing mill-aktar fis u sa dan it-tant tiġi mnaddfa mit-trabijiet li hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv se jikteb lill-Ministeru għal Għawdex dwar dan il-każ.

## 10. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2015, fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**